MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 364/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Kenneth Formosa Ventura**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta’ Baxter Limited (C3275) b’indirizz registrat A47, Industrial Estate, Marsa u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta’ sabiex thallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas l-ammonti kollha kif hemm elenkati fil-prospett anness (u cioe’ sahra w festi pubblici), bl-ammont globali jkun ta’ dsatax-il elf u erbgha w sebghin Lira Maltin u hdax-il centezmu (LM19,074.11) ekwivalenti ghal erbgha w erbghin elf, erba’ mija w tletin Euro w sebgha w sebghin Euro cents (€44,430.77) dovuti lill-impjegati tas-socjeta’ fuq imsemmija kif indikat fl-istess prospett.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Novembru, 2008, li biha, l-Qorti ddikjarat li dik il-parti tal-akkuza riferibbli ghall-kwalunkwe ammont allegatament dovut ghall-perjodu li jmur oltre s-sena mid-data tan-notifika bhala preskritta ai termini tal-artikolu 47(1) tal-Kap. 452 u konsegwentement l-appellat gie liberat minn dik il-parti tal-akkuza riferibbli ghall-ammonti dovuti ghall-perjodu ta’ oltre sena mid-data tan-notifika.
Il-Qorti inoltre ddikjarat li in kwantu jirrigwarda r-rimanenti parti tal-akkuza li din ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi w konsegwentement iddikjarat lill-appellat mhux hati tal-istess akkuza w illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

L-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat minhabba li l-azzjoni giet dikjarata estinta. B'riferenza ghall-artikolu 47 (1) u (2) tal-Kapitolu 452, li jitkellem fuq preskrizzjoni ta' sena, r-reat jitqies li jkun reat kontinwat meta jkun jikkonsisti f' nuqqas mill-principali li jhallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jaghti vaganza bi hlas kif mehtieg b' dak l-Att, jekk l-principal ikun naqas li jhallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-periodu ta' preskrizzjoni. L-Ewwel Qorti addottat interpretazzjoni mhux preciza ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi. Il-problema legali mhix jekk l-*employer* kienx qed ihallas il-pagi, ghax dan ma hemmx dubju dwaru, imma jekk meta l-*employer* hallas lill-impjegati *"part-time"* bir-rati

ta' siegha, siegha, irrispettivament jekk hux Hdud jew Festi Pubblici, sahra, etc, kienetx qed tithallas il-paga dovuta lill-impjegati. L-emfasi li trid taghmel il-ligi f' dan il-kaz hu bazat fuq il-principju li l-impjegati jithallsu l-pagi w l-pagi kollha legalment dovuti lill-impjegati taghhom. Dan johrog mill-kliem *pagi dovuti* fit-tieni subinciz tal-artikolu 47. F' dan il-kaz ghalkemm l-impjegati thallsu l-pagi, huma ma gewx imhallsa l-pagi dovuti. Minnkejja li kienu *part-timers*, l-impjegati kienu intitolati li ma jigux trattati b' mod inqas favorevoli minn impjegati *"full-time"*. L-argument li l-kwerelanti kellhom jagixxu aktar kmieni mhux argument li jreggi w lanqas dak li l-kwerelanti akwiexxew ghall-iskema mressqa lilhom mill-kumpanija Baxter, u dan billi mhux permess li principal jintrabat ma impjegat b' mod li l-ftehim ta' bejnithom ikun icahhad lill-impjegat, direttament jew indirettament, minn dritt akkwizit skond il-ligi jew skond il-*collective agreement* applikabbli skond l-artikolu 5 tal-Kap. 427. Ghalhekk ir-reat ghandu jitqies bhala reat kontinwat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, w l-azzjoni ma kienetx estinta ai termini tal-artikolu 47 (1) tal-Kap.452.

It-tieni aggravju hu li l-appellant ma jikkondividix il-konkluzzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti li hemm xi parti mill-akkuzi li ma gewx pruvati sal-grad li trid il-ligi ghax f' dal-kaz il-prosekuzzjoni ppruvat permezz ta' xhieda w dokumenti min kienu l-impjegati effettwati, kemm kienu l-ammonti totali dovuti lilhom kif ukoll il-periodu kollu reklamat mill-impjegati.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2009, li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li in kwantu l-Ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-ammonti li kienu dovuti oltre dik is-sena, s-sentenza ghandha tregi w il-kontestazzjoni ghandha tkun limitata biss ghall-fatt jekk tirrizultax l-imputazzjoini ghall-partijiet li mhumiex preskritti.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni ntrabtet li tipprezenta nota bil-visto tal-kontro-parti li tispecifika l-ammonti tal-paga mhallsa anqas li mhumiex preskritti sat-28 ta' Frar, 2009.

Rat il-verbal li bih Dr. A. Borg Cardona, ghall-appellat, iddikjara li ma jikkontestax ir-rati li bihom inhadmu l-ammonti indikati fl-akkuza w li dawn huma bazati fuq il-paga attwali li kienu qed jircevu l-*"full-timers"* fiz-zmien in kwistjoni ghal xoghol maghmul nhar ta' hadd u festi.

Rat in-Nota tal-osservazzjonijiet tal-appellat tal-24 ta' Frar, 2009;

Rat in-Nota tal-appellant Avukat Generali tas-27 ta' Frar, 2009;

Rat ir-Risposta tal-Appellant Avukat Generali tas-27 ta' Frar, 2009 ghan-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellat.

Ikkonsidrat;

Illi l-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti ghall-liberazzjoni tal-appellat kienet duplici w cioe' :- 1. li l-azzjoni kienet in parti preskritta stante li l-impjegati koncernati kienu qed jithallsu pagi regolarment u l-vertenza de quo tirrigwarda biss ir-rata li biha certu hinijiet li hadmu fihom ghandu jkun kompensat u kwindi dak provdut fl-artikolu 47 (2) tal-Kap.452 ma hux applikabbli stante li ma jistax jitqies li l-principal naqas milli jhallas il-pagi regolarment u ghalekk l-allegat reat ma setax jitqies bhala wiehed kontinwat. Ghalhekk iddikjarat li dik il-parti tal-akkuza referibbli ghall-kwalunkwe ammont allegatament dovut ghall-periodu li jmur oltre s-sena mid-data tan-notifika (tac-citazzjoni) bhala preskritta ai termini tal-art. 47 (1) u ghalhekk l-appellat gie minnha liberat minn dik il-parti tal-akkuza referibbli ghall-ammonti dovuti ghall-periodu ta' oltre sena mid-data tan-notifika. 2. Umbaghad, in kwantu jirrigwarda r-rimanenti parti tal-akkuza, rriteniet li din ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi w konsegwentement iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-istess akkuza w illiberatu minnha.

Illi c-citazzjoni li tat bidu ghall-proceduri odjerni nharget fl-14 ta' Novembru, 2007 u l-ewwel dehra tal-kawza kienet fid-19 ta' Dicembru, 2007 u dak in-nhar deher l-appellat (li ovvjament kien gie notifikat fil-frattemp) u l-avukat tieghu li

eccepixxa l-*"preskrizzjoni in kwantu jirrigwarda kull ammont rizultanti minn periodu ta' aktar minn sena qabel in-notifika ta' l-akkuza."* It-talba originali ghad-diversi impjegati li jidhru fil-prospett anness mal-istess citazzjoni kienet tirrisali ghas-sena 2004 ghall-uhud minn dawn l-impjegati, u ghas-snin 2005, 2006 jew 2007 ghall-ohrajn. Pero' kif jidher mid-dokument A anness man-nota tal-Avukat Generali tas-27 ta' Frar, 2009, din it-talba giet issa riveduta w cirkoskritta ghall-ammonti dovuti ghas-sena immedjetament qabel in-notifika tac-citazzjoni w cioe' ghall-periodu minn Novembru, 2006 sas-17 ta' Gunju, 2007. Hekk l-appellant gie li issa akkwiexxa ghal dik il-parti tas-sentenza li ddikjarat preskritt kull nuqqas ta' hlas fil-pagi rispettivi tal-impjegati ghall-periodu li jmur oltre s-sena minn-notifika tac-citazzjoni w dan konformement mal-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2009, fuq riprodott.

Ghalhekk din il-Qorti ma ghandix ghalfejn issa tidhol biex tiddeciedi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant ghax dan gie implicitament rinunzjat bil-verbal kongunt tal-partijiet fuq citat.

Ghalhekk issa l-vertenza mertu ta' dan l-appell giet limitata ghall-jekk kienx jirrizulta r-reat dedott ghall-partiti li suppost kienu dovuti fil-periodu li ma kienx hekk preskritt.

Issa hawn l-appell tal-Avukat Generali jiltaqgha ma ostakolu procedurali li jirrigwarda l-appellabilita' ta' din il-parti tas-sentenza. Meta ddisponiet mill-akkuza rigwardanti dawn il-partiti li mhumiex preskritti, l-Ewwel Qorti qalet semplicement biss li din ir-"***<u>rimanenti parti tal-akkuza ..ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi."</u>*** Igifieri hawn il-Qorti ma lliberatx fuq xi interpretazzjoni tal-ligi imma biss ghax mill-provi ma rrizultax.

Issa l-Att dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industriali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta,) li hu l-ligi specjali li tirrigwarda din il-materja, ma jaghtix id-dritt ta' appell f' kull kaz lill-Avukat Generali minn decizjonijiet in materia, kif jaghtu xi ligijiet specjali ohra (eg. l- art. 63 tal-Kap. 65, u ohrajn). Ghalhekk id-dritt tal-appell lill-Avukat Generali f' kazijiet

bhal dawn hu dak li johrog mill-artikolu 413 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mbaghad skond l-artikolu 45 (1) tal-Kap. 452 il-piena erogabbli fil-kaz ta' kull principal li jikser jew jonqos milli joqghod ghal xi kondizzjoni maghrufa ta' impieg preskritta b' ordni ta' *standard* nazzjonali jew b' ordni biex jirregola settur jew bi ftehim kollettiv jew ghal xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu, hi dik tal-multa ta' mhux inqas minn LM100 u mhux izjed minn LM1000.

Dan ifisser li dawn ix-xorta ta' reati jaqghu taht il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali a tenur tal-artikolu 370 (1). L-artikolu 370 (1) ( c ) jiddisponi li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati r-reati kollha kkontemplati f' ligijiet ohrajn meta jaqghu taht il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa jew tal-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur, jekk il-ligi ma tkunx tiddisponi xort' ohra. F' dan il-kaz mhux talli l-ligi ma tiddisponix xort' ohra imma l-istess artikolu 44 (1) tal-Kap. 452 jiddisponi li : *"Fi procedimenti kriminali maghmulin mill_pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghal reat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att…."* jaghmel l-akkuza, igib il-provi jittratta w xort' ohra jmexxi id-Direttur responsabbli ghall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industriali. Il-fatt li skond l-artikolu 45 (5) tal-Kap. 452 hu applikabbli l-artikolu 24 tal-Kodici Kriminali ghal reati taht dak l-Att, ikompli ssahhah din il-konkluzzjoni.

Ghalhekk stante li reati taht il-Kap. 452 jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, d-dritt tal-appell tal-Avukat Generali w tal-kwerelant hu ristrett biss ghall-kazijiet kontemplati fl-artikolu 413 (1) (b). F' dan il-kazijiet mhux applikabbli is-sub-sub inciz ( c ) tal-istess artikolu li jaghti id-dritt t' appell lill-Avukat Generali "*fil-kazijiet l-ohra kollha*" , ossia dawk li ma jaqghux fil-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Issa f' dan il-kaz fir-rikors tal-appell tieghu l-Avukat Generali ddikjara li kien qed jappella a tenur tal-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) li jaghtih id-dritt t' appell fejn l-imputat ikun gie liberat minhabba li l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti tar-reat ossia *"dove il fatto non costituisce reato".* Kieku id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet bazata fuq dal-fattur, indubbjament l-Avukat Generali kien ikollu dritt li jappella.

Pero' kif intqal l-Ewwel Qorti ma lliberatax ghalhekk. In parti illiberat minnhabba l-preskrizzjoni ghal dawk il-partiti allegatament mhux imhallsa li jmorru lill hinn minn sena mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, (liema decizjoni kienet tkun appellabbli mill-Avukat Generali skond l-art. 413 (1) (b) (iv) (ii) imma issa, bil-verbal tat-12 ta' Frar, 2009, gie accettat mill-istess Prosekuzzjoni li ma hemmx aktar kwistjoni fuq dik il-parti tal-liberazzjoni kif jidher ukoll mill-prospett rivedut anness man-Nota tal-Prosekuzzjoni tas-27 ta' Frar, 2009) u in parti, ghall-partiti rimanenti, lliberat ghax dik il-parti tal-akkuza *"ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi."*

Tant hu hekk li l-istess appellant Avukat Generali, fit-tieni aggravju tieghu jghid fir-rigward ta' din it-tieni parti tas-sentenza li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz permezz tax-xhieda u d-dokumenti mressqin minnha min kienu l-impjegati affettwati, kemm kienu l-ammonti totali dovuti lill-dawn l-impjegati mill-appellat kif ukoll il-periodu kollu reklamat mill-haddiema de quo u ghalhekk ma jikkondividix il-konkluzzjoni milhuqa mill-Qorti li hemm xi parti mill-akkuzi imressqin li ma gewx pruvati sal-grad li trid il-ligi. Dan il-kliem adoperat mill-appellant juri bic-car li hawn qed jislet aggravvju dwar l-apprezzament tal-fatti w mhux dwar xi punt ta' ligi.

Illi altru liberazzjoni ghar-raguni li l-provi ma jkunux lahqu l-**grad** rikjest mill-Ligi ossia l-grad tac-certezza morali, li trid li l-provi jwasslu ghall-konvinciment morali tal-gudikant minghajr dubju dettat mir-raguni, w altru liberazzjoni ghax *"il-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti tar-reat."* Bil-kliem uzat mill-Ewwel Qorti jidher car li l-bazi tal-liberazzjoni kienet tal-ewwel u mhux tat-tieni. Minn liberazzjoni ta' dik ix-xorta, fejn ir-reat li jkun jaqa' taht il-gurisdizzjoni ordinarja

tal-Qorti tal-Magistrati, jitqies li ma jirrizultax pruvat, l-Avukat Generali, ma nghatax dritt t' appell. Bl-introduzzjoni tas-sub inciz ( c ) tal-art. 413 (1), l-Avukat Generali nghata d-dritt t' appell fuq kollox biss fil-kazijiet li ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati.

Ghalhekk, kif issa cirkoskritt, l-appell tal-Avukat Generali ma baqax proponibbli w ergo din il-Qorti qed tiddikjarah irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------